# IS-SUMMIEN

Tista' tgħid li l-aqwa kaċċa li għandna Malta hija dik tas-summien u kull min għandu xkubetta ma joħlomx ħlief bil-passa ta' Settembru u dik ta' April.

X'nafu fuq dan it-tajr?

Donnu s-summien jinġabar fis-sajf fuq l-artijiet watja u kbar tar-Russja tan-naħa t'isfel, tar-Rumenija, u tal-Ungerija. Hemm ibid, ifelles u jirgħa sal-aħħar ta' Awwissu meta jasal biex ifittex artijiet sħan fejn igħaddi s-sitt xhur l-oħra tas-sena, bejn Awwissu u Ottubru.

L-ewwel ma jaħbat għal fuq il-baħar ta' ġewwa (Mediterran) u jixtered max-xatt t'isfel mill-Magħreb (Marokk) sa l-Eġittu (Masar) u l-Palestina.

Billi din tajra smina (isimha magħha) u bnina, in-nies tagħmel għaliha wisq u fis-suq iġġib prezz tajjeb. Dan iġib li kull min jista', jaqbad kemm jiflaħ u li ma kienx għax xi gvenijiet għamlu liġijiet ħorox fuq il-qbid oħxon tas-summien kieku kien jiġi żmien li din it-tajra tinqered.

L-Eġittu kien minn dejjem imfittex mis-summien, u mill-kotba mqaddsa (Eżodu) nafu li meta l-Lhud (Iżraeliti) ħarġu mill-jasar ta' l-Eġittu ma' Mosè, meta waslu fl-art ta' Sinaï, għal żmien twil, kienu jgħixu bil-qbid tas-summien li kien jitla' l-art u jinqabad bl-idejn. Fl-art ta' Sinaï, is-summien jasal qtajja qtajja ta' minn għoxrin sa tletin meta jkun għadu qabad ibexbex. Meta jtir fuq il-baħar igħaddi fil-għoli u ma jidhirx. Wara xi maltempata ħoxna l-vapuri jaraw il-baħar miżgħud bis-summien imwaqqa' bir-riħ u bix-xita.

Fl-Eġittu u fis-Sinaï isir ġbir bis-sħiħ tas-summien sew bi xbieki kbar kemm bi xbieki ta' l-idejn (terrieħa).

Ix-xbieki, kbar ma l-għoxrin qasba u itwal, jintasbu fuq lasti mwaħħla ma' l-art, daqs mitejn qasba l-ġewwa mix-xtut. Biex xi summien ikun jista' jeħles mix-xbiek il-liġi trid li bejn xibka u oħra jkun hemm wisa' ta' nofs mil. 25 mil għan-naħa tal-Vant ta' Port Said tixbik ma jistax isir. Bnadijiet oħra, fl-Africa, donnu ma hemmx liġijiet u kulħadd jaqbad kif irid u kemm jista'.

Is-summien, kif għedna, jasal fuq l-art ikun għadu d-dlam u bil-għejja li jkollu fuqu jibqa' sejjer fuq ix-xbik mitluf

għal kollox u ma jintrafax kif ġib u laħaq. Ix-xebbieka jkunu hemm dejjem u malli jaraw it-tajr imxeblek ifittxu jaqbduh u jdaħħluh fi ġwielaq twal u dojjoq biex is-summien ma jkunx jista' jieqaf fuq saqajh, għax jekk isib il-wisa', isir bejniethom ġlied tal-mewt li jġib ħsara kbira. F'dawn il-kannezzi s-summien jinżamm żmien twil fid-dlam. Ikel u xorb ma jonqsuhx għax, ukoll magħluq, is-summien jiekol durra (milju kemm) ittieħ. Laħqu jżommu s-summien magħluq hekk żmien xahrejn sa ma tispiċċa l-passa, u dejjem jasal l-Ewropa ħaj u jismen.

In-nasba bix-xbiek il-kbir iddum dwar sagħtejn kull jum għax wara li titla' x-xemx is-summien jidher biss bil-waħdiet.

Dawk li jonsbu bit-terrieħa jibqgħu sejrin il-jum kollu għax is-summien ħafna minnu, jixtered fuk l-art u jfittex jistaħba u jistrieħ wara xi xitla sfieqa jew xi blata. Il-għarab xaktar iħejju gziez ta' ħaxix u ħaġar, ftit bogħod mix-xatt, u wara li jħallu s-summien joqgħod imorru qajla-qajla u jgħattu il-għarma bix-xibka, u s-summien li ma jkollux saħħa jew xewqa jtir jinqabad minnufih. Din m'hix sajda tal-għaġla għax is-summiena biex tistrieħ tibqa' mibruka s-sigħat sħaħ. Meta s-sajjieda jaraw li s-summien m'hux tiela' aktar jiġbor kulħadd il-qabda tiegħu, igħabbu l-iġmla u jerħulha lejn l-ewwel stazzjon tal-vapur ta' l-art. Hawn isibu x-xerrej lest bil-gaġġeġ bis-saqaf tax-xoqqa biex it-tajr, li moħħu dejjem biex jaqbeż, ma jagħmilx ħsara f'rasu. Meta jasal Port Said isib ix-xerrejja kbar li jsiefru s-summien lejn il-portijiet kbar ta' Marsilja ta' Genwa ta' Venezja u ta' Ateni biex minn hemm jixtered mas-swieq tad-dinja.

Hekk isir kummerċ kbir għax żewġ summiniet li l-Eġittu jinbigħu tliet ċarnijiet, jaslu biex iġibu sixpens u xelin ukoll.

Għall-ħabta ta' Frar u ta' Marzu s-summien jarġa' għal min fejn kien telaq. Hemm ibid u jfelles għal xogħlu sa ma jarġa' jagħfsu l-bard u jitlaq għas-sħana tar-ramel ta' l-Afrika.

Fil-ġżejjer tagħna jasal ftit minn dak is-summien li jkun sejjer lejn Tunes u Tripli fl-aħħar tas-sajf u jarġa' lura għall-bidu tar-rebbiegħa. Il-kaċċaturi tagħna jaqbadhom id-deni għal-ħabta ta' Settembru u ta' April u ġmigħi qabel jaħsbu jnaddfu l-armi u jikkargaw l-iskrateċ u moħħhom biex jaraw x'riħ hu. Il-kelba tqum fuq tagħha daqs sidha, donnha tifhem dak kollu li jingħad fil-ħwienet tal-kafè—"bdiet ittarraf xi waħda"—"Dal-għodu s-sur Karm qabad żewġ"—"tajjart waħda

mas-sebħ". U ma ssibx raħal li ma tarax imdendla f'xi tieqa il-gaġġa tas-summien li għal żmien twil tfakkar lil dawk kollha li għandhom iċ-ċurniena lesta wara l-bieb tad-dar, bl-eħena qawwi, sejra dejjem l-aktar mas-sebħ "Taqq-ta-taqq"—"taqq-ta-taqq" taqq-ta-taqq"—"sħabi fuq it-triq".

**Sett 1933** **T. Z.**